Vol 34
Nru 180
April - Ġunju 2013

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2013

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Akri, Knisja ta' San Ġwann*

# Werrej



6



17



22

27



6 Storja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa: It-Telfa ta' Akri fl-1291

17 Ġesù jibdel l-Ilma fl-Inbid fit-Tieġ ta' Kana

22 Il-Wegħda ta' Patt Ġdid (Ġer 21, 21-34)

27 Il-Qawwa u l-Glorja tal-Fidi fl-Ittra lil-Lhud, Kapitlu II (It-Tieni Parti)

34 Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Luqa u fl-Atti tal-Appostli (2)

40 It-Teżori tal-Qabar ta' Kristu Esposti f'Versailles



34

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Tama għal Paċi
## Dejjiema fl-Art
## Imqaddsa

Xi ftit tax-xhur ilu smajt diskors imqanqal li l-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, Barak Obama, għamel quddiem udjenza kbira ta' studenti Israeljani meta żar l-Art Imqaddsa f'Marzu. Kif kien mistenni d-diskors ta' Obama kien iċċentrat fuq is-sostenn li l-Istati Uniti jagħtu lil Israel fi kwestjonijiet ta' sigurtà. F'dan ma kien hemm xejn ġdid fid-diskors tal-President. Wara kollox, kulħadd jaf li Obama ġie Israel biex jakkwista l-fiduċja tal-pubbliku Israeljan, li fil-maġġoranza tiegħu jqis li Obama hu aktar imxaqleb lejn il-kawża Palestinjana milli lejn is-sigurtà ta' Israel.

F'ċertu mument, iżda, kien interessanti li wieħed isegwi d-diskors tal-President, li ma kienx biss kliem vojt. Hu tkellem fit-tul dwar tliet valuri fundamentali li s-soċjetà Israeljana trid tħares biex tikkonvinċi lid-dinja li hi fortizza ta' demokrazija fil-Lvant Nofsani. Obama tkellem partikolarment dwar is-sigurtà, il-prosperità u l-paċi.

Jiena laqtuni l-kelmiet li l-President qal lill-istudenti Israeljani rigward il-viżjoni tiegħu ta' paċi, partikolarment il-paċi bejn l-Israeljani u l-Palestinjani. Il-viżjoni hi realistika. Minn naħa waħda l-President kien deċiż li jinsisti li l-Istat ta' Israel qiegħed hemm biex jibqa', u li kull sforz biex tinqered l-eżistenza tiegħu mhux biss hu kontro-produċenti għall-kawża tal-paċi imma hu wkoll ċaħda tal-verità storika. Fl-istess ħin Obama għamilha ċara li l-viżjoni



*...editorjal*

*Tama għal Paċi Dejjiema fl-Art Imqaddsa*

ta' paċi u sigurtà tkun illużjoni jekk l-Israeljani ma jaċċettawx il-pjan ta' soluzzjoni ta' żewġ stati, li fih il-Palestinjani jkollhom id-dritt ta' Stat kontinwu u bi fruntieri ċari. Fil-prattika dan ifisser li Israel jrid jiċħad għaż-żamma tal-art kollha li okkupa fil-Gwerra tal-1967. Ostaklu kbir biex din il-ħolma ssir realtà hu n-numru kbir ta' insedjamenti li Israel bena fuq art Palestinjana matul dawn l-aħħar 60 sena, li wħud minnhom issa kibru u saru bliet kbar, partikolarment madwar Ġerusalemm.

Barra minn dawn il-kummenti ta' natura politika dwar il-paċi, wieħed irid jinnota li hemm elementi estremi fis-soċjetà kemm Israeljana kif ukoll Palestinjana li jfixklu l-kisba ta' paċi dejjiema. Obama tkellem dwar l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-Israeljani u l-Palestinjani, li jixtiequ jgħixu ħajja deċenti u żgura, li jsibu xogħol, li jkollhom aċċess għas-servizzi soċjali, edukazzjoni, servizzi ta' sanità, u li jibnu futur aħjar. Hu tkellem dwar ix-xewqat tat-tfal Israeljani u Palestinjani. Dawn huma aspirazzjonijiet komuni li jmorru 'l hemm minn diskors politiku jew negozjati. Wera kif il-paċi tinbena jekk tibda mill-bażi, u mhux mill-isforzi mhux dejjem sinċieri ta' min hu fil-poter politiku.

Jekk hu veru li l-paċi bejn Israeljani u Palestinjani ma tistax tinkiseb b'mossi unilaterali u prekondizzjonijiet, hu veru wkoll li ma tista' qatt tinkiseb bl-insistenza fuq status quo ta' inġustizzja li tnissel mibegħda u vjolenza. Fil-fatt qatt ma jista' jkun hemm paċi mingħajr ġustizzja. L-Israeljani u l-Palestinjani jafu dan mit-tbatijiet u l-esperjenzi storiċi li għaddew minnhom, imma fl-istess ħin hemm elementi fiż-żewġ popli li ma jridux jammettu li huma qed ikomplu dawn is-sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u li b'hekk mhux qed jikkontribwixxu biex il-ħolma tal-paċi ssir realtà.

Għad hemm ħafna xi jsir lejn it-triq ta' soluzzjoni finali għall-problema Israeljana-Palestinjana. Sfortunatament ftit affarijiet irnexxielhom jitwettqu, u l-ħin donnu qed joqrob lejn it-tmiem. Wieħed jieħu l-impressjoni li Israel baqa' pajjiż stabbli mil-lat soċjali, politiku u demokratiku, u li jiddefendi l-valuri tad-dinja ħielsa. Wieħed jieħu wkoll l-impressjoni li s-soċjetà Palestinjana wkoll qed tara prosperità, partikolarment fi bliet bħal Betleħem u Ramallah, fejn hemm gvern moderat li hu ċertament differenti mill-gvern ta' Ħamas f'Gaża.

Imma din hi biss biċċa mill-istampa. Hemm feriti profondi fis-soċjetà Israeljana u f'dik Palestinjana. Hemm sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diffikultà ekonomika. Bosta drabi l-veri problemi tan-nies ma jiġux irrappurtati mill-media, li tippreferi tibqa' tinsisti dwar it-theddida tal-vjolenza u l-ħtieġa li wieħed jinvesti fis-sigurtà quddiem sitwazzjoni taħraq fil-pajjiżi ta' madwar, bħal Libanu u s-Sirja. L-impressjoni li wieħed jieħu fis-soċjetà Israeljana hu li wieħed irid dejjem ikun attent għax il-periklu jista' jasal minn kullimkien. Din il-mentalità li joħolqu l-politiċi u l-militari ma tgħinx biex tinħoloq kultura ta' paċi.

Biex inkunu onesti, din is-sitwazzjoni mhijiex preżenti biss ġewwa Israel, imma fid-dinja in ġenerali. Hi sitwazzjoni maħluqa minn mentalità politika li tipprietka l-paċi bħala riżultat ta' sigurtà. Imma l-paċi vera hi riżultat ta' vulnerabilità u fiduċja reċiproka. Din it-tip ta' paċi tista' twassal biex dak li potenzjalment hu għadu jista' eventwalment jsir ħabib jekk wieħed jipprova jeħilsu minn sitwazzjoni ta' inġustizzja. Il-prezz li jrid jitħallas għal din il-paċi dejjiema hu dak li jridu jsiru konċessjonijiet li jiswew sagrifiċċji. Jikkonsisti filli wieħed jeħles mill-biża' bla raġuni u jinkoraġġixxi l-moviment ħieles ta' popli u ideat, li ma jibżax jammetti li hemm diviżjonijiet profondi fiż-żewġ naħat tal-ħajt li jifred dawn il-popli, u li l-paċi tinkiseb fuq aċċettazzjoni realistika tad-differenzi reċiproċi.

Din mhix biċċa xogħol faċli. Obama għarafha tajjeb fid-diskors li għamel. Sfortunatament il-politiċi ma jifhmux diskors ta' dan it-tip. Huma biss in-nies komuni li jifhmuh, għax huma għandhom aspirazzjonijiet komuni li għandhom għeruq fil-valuri umani. Il-politiċi ma jistgħux jifhmu dan id-diskors. Huma biss in-nies komuni li jistgħu jġibu paċi vera u dejjiema fl-Art Imqaddsa.



# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA: IT-TELFA TA' AKRI FL-1291

*Noel Muscat ofm*

Il-belt ta' Akri, jew San Jean d'Acre, fuq il-kosta tat-tramuntana tal-Palestina, bejn il-Golf ta' Haifa u Rosh Hanikra (il-fruntiera bejn Israel u l-Libanu, magħrufa wkoll bħala s-"Sellum ta' Tir"), kienet il-fortizza Kruċjata l-aktar importanti fl-Art Imqaddsa fil-perjodu ta' wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm (1187-1291). Matul dan il-perjodu kien f'din il-belt u port fortizza

li baqa' jeżisti r-Renju Latin ta' Ġerusalemm, li kien biss preżenti f'xi fortizzi fuq il-kosta tal-Feniċja (Tripli, Sidon, Tir) u tal-Palestina (Akri, Atlit jew il-*Castrum Peregrinorum*, Ċesarija Marittima, Tel Arsuf jew Apollonia, Ġaffa).

Il-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa matul is-seklu 13 kienet naqset sew minħabba t-telfa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm. Rajna kif, għal perjodu qasir, waqt il-waqfien mill-ġlied bejn l-Imperatur Federiku II u s-Sultan al-Malik al-Kamil (1229-1239) l-Insara reġgħu daħlu Ġerusalemm, u tkellimna anke dwar il-preżenza stabbli tal-Franġiskani fil-Belt il-Qaddisa. Imma wara l-massakru li għamlu l-Kwareżmjani fl-1244 din il-preżenza spiċċat. Il-kumplament tas-seklu 13 kien wieħed ta' sforzi biex il-Kruċjati jerġgħu jirbħu l-Art Imqaddsa, l-aktar bl-isforzi ta' San Ludoviku IX, Re ta' Franza, li fl-1265 reġa' iffortifika l-belt ta' Ċesarija, imma dawn kienu falliment wieħed wara l-ieħor. Sadanittant il-Kruċjati baqgħu biss jiddefendu xi bliet fuq il-kosta, li diġà semmejna, u l-aktar waħda importanti fosthom kienet Akri. F'din il-belt kien hemm preżenza ta' Ordnijiet mendikanti, fosthom il-Franġiskani u d-Dumnikani, u komunità ta' Sorijiet Klarissi. L-istraġi tat-18 ta' Mejju 1291, meta s-Sultan al-Ashraf Khalil qered il-belt fortizza, messet ukoll mill-qrib il-preżenza Franġiskana f'din il-belt, fejn sa mill-1217, mill-wasla ta' Fra Elija, il-Franġiskani kienu dejjem preżenti u fejn San Franġisk innifsu kien rifes l-Art Imqaddsa fl-1219. Imma biex nifhmu eżattament x'ġara jeħtieġ li qabel naraw kif kienet tidher il-belt ta' Akri fi żmien il-Kruċjati u x'wassal għall-waqgħa tagħha.

## Il-belt ta' Akri fi żmien il-Kruċjati

Akri jew Akko hi waħda mill-aktar portijiet importanti tal-Art Imqaddsa minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha u minħabba l-istorja twila u epika tagħha. Hi port li ra prosperità kbira imma wkoll bosta gwerer. Tinsab strateġikament lokalizzata qrib il-Libanu u l-gżira ta' Ċipru u għandha pjanura fertili fuq in-naħa ta' ġewwa.



*Akri, Port tal-Pisani, fejn wasal San Franġisk*

Akri tissemma għall-ewwel darba fid-dokumenti Eġizzjani tal-11 u t-12-il Dinastija (2000 QK). Tissemma wkoll fl-iskrizzjonijiet ta' Tutmosis III, Seti I, Ramses II u fl-Ittri ta' Tel el Amarna. Fil-Ktieb tal-Imħallfin jingħad li Akri kienet tat-tribù ta' Aser u tissejjaħ Akko (Mħ 1,33). Minn żmien ir-rebħa tal-Art Imwiegħda sa żmien il-Makkabej, Akri ma tissemmiex aktar fil-Bibbja. Nafu li Tolomew II rebaħ il-belt u għamilha belt Ellenistika billi taha l-isem ta' Ptolemais jew Tolemajde, kif tissejjaħ f'1Mak 5,15 u fit-Testment il-Ġdid. Bir-rebħa Rumana ta' Pompei fis-sena 63 QK, Akri saret parti mill-Provinċja Rumana tas-Sirja u isimha nbidel f'*Colonia Claudii Caesaris*.

San Pawl għadda minn Akri flimkien ma' Luqa fi tmiem it-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu. Atti 21,7 jgħidu: *Komplejna l-vjaġġ bil-baħar u minn Tir wasalna Ptolemajs; sellimna lill-aħwa u għaddejna ġurnata magħhom.*

Matul l-Ewwel Rewwixta tal-Lhud, Vespasjanu għażel Akri bħala l-kwartier ġenerali tiegħu. Bejn is-sekli 2 u 3 WK kien hemm komunità Kristjana importanti f'Akri, u fis-sena 190 nafu li Akri kienet sede episkopali. Bil-miġja tal-Għarab fis-sena 638, il-port ingħata l-isem antik tiegħu u kien magħruf bħala Akka.

Akri sabet l-akbar mument ta' glorja tagħha matul il-perjodu tal-Kruċjati meta kienet magħrufa bħala San Jean d'Acre (San Ġwann ta' Akri). Meta l-Kruċjati rebħu Ġerusalemm fl-1099, huma kellhom bżonn ta' port b'difiżi qawwijin fuq il-kosta tal-Mediterran biex hekk setgħu jikkontrollaw in-navigazzjoni lejn l-Ewropa u jġibu minn hemm il-pellegrini u l-merkanzija. Imma huma ppreferew li l-ewwel jirbħu l-port ta' Ġaffa, li kien eqreb lejn Ġerusalemm. Wara assedju ta' 20 ġurnata, il-Kruċjati, fis-26 ta' Mejju 1104, immexxija mir-Re Baldovino I, rebħu lil Akri u għamluha l-port tagħhom fuq il-kosta tal-Mediterran. Minn dak iż-żmien Akri saret iċ-ċentru ta' kummerċ bejn l-Ewropa u l-Asja, u s-simbolu tal-qawwa tar-Renju Kruċjat ta' Ġerusalemm fl-Art Imqaddsa. B'hekk Akri saret



*Akri, dehra tas-swar*

il-port prinċipali, flimkien ma' Ġaffa fin-nofsinhar, bi flotot ġejjin mill-Ewropa jġibu magħhom kavallieri, pellegrini u kull xorta ta' merkanzija, li mbagħad kienet tintbagħat lejn id-diversi fortizzi Kruċjati u lejn Ġerusalemm. Wieħed mill-aktar assedji twal li Akri sofriet kien dak tal-1191 meta l-kavallieri mill-Ewropa kollha, wara r-rebħa umiljanti tal-armata Kruċjata f'Qarne Hattin (4 ta' Lulju 1187), irnexxielhom jerġgħu jirbħu lil Akri fit-12 ta' Lulju u għamlu minnha l-aħħar fortizza Kruċjata fuq il-kosta tal-Palestina għal 100 sena oħra.

Kien fil-belt ta' Akri li San Franġisk ta' Assisi wasal fl-Art Imqaddsa f'Lulju 1219, matul il-Ħames Kruċjata, fi triqtu lejn Damietta fuq id-delta tan-Nil fl-Eġittu, fil-kumpanija tal-aħwa Fra Pietru Cattanio, Fra Illuminato minn Rieti, Fra Sabatino u Fra Leonardo. Kien f'din l-okkażjoni li San Franġisk iltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu Melek el-Kamel.

Il-laqgħa bejn Franġisku u s-Sultan hi ddokumentata sewwa fl-għejun medjevali Franġiskani. F'Akri San Franġisk sab jilqgħu lil Fra Elija, li kien il-Ministru Provinċjal tas-Sirja, jew Provinċja ta' *Outremer*. Sal-lum il-post li fih San Franġisk sbarka fl-Art Imqaddsa għadu mmarkat fil-Port tal-Pisani qrib il-Knisja ta' San Ġwann Battista.

Il-port ta' Akri hu wkoll importanti għall-istorja tiegħu u għall-preżenza




*Akri, Moskea ta' Al-Jazzar*

tal-Kavallieri Ospedalieri ta' San Ġwann. Il-Kavallieri ta' San Ġwann ġew imwaqqfa matul is-seklu 11 f'Ġerusalemm minn grupp ta' merkanti minn Amalfi fl-Isptar ta' Santa Marija Latina fil-kwartier tal-Muristan quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Huma ddedikaw is-servizzi tagħhom għall-kura tal-pellegrini morda. Wara li l-Kruċjati rebħu Ġerusalemm, wieħed mill-Ospedalieri, il-Beatu Ġerardu, kabbar il-ħidma tal-Ordni f'Ġerusalemm u fl-Ewropa u hu meqjus bħala l-fundatur tal-Ordni. Fil-15 ta' Frar 1113, il-Papa Paskal II ippubblika l-Bulla *Pie postulatio voluntatis* li biha waqqaf l-Ordni Sovran Militari u Ospedalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Fl-1120 Raymond de Puy sar l-ewwel Gran Mastru tal-Ordni u biddel ir-Regola Benedittina li l-Ordni kien jipprofessa oriġinarjament f'dik Agostinjana. Matul l-epoka Kruċjata l-Kavallieri Ospedalieri ta' Ġerusalemm saru aktar importanti u l-Kavallieri ddefendew it-toroq ta' komunikazzjoni ewlenija fl-Art Imqaddsa mill-kastelli

fortifikati tagħhom, bħalma kien Krak des Chevaliers (Qalat al Hosn) fis-Sirja. Meta Saladin rebaħ Ġerusalemm f'Ottubru 1187 l-Ospedalieri kellhom jitilqu mill-Belt Imqaddsa. Fit-12 ta' Lulju 1191 ir-Re Richard the Lionheart tal-Ingilterra u r-Re Philippe II Augustus ta' Franza reġgħu rebħu Akri waqt it-Tielet Kruċjata. Fl-1197 il-Kavallieri Ospedalieri ta' San Ġwann waqqfu ċ-ċentru tagħhom f'Akri. Komplew iżommu l-fortizza tagħhom ta' Krak sal-1271 u damu f'Akri sat-18 ta' Mejju 1291, meta l-belt waqgħet f'idejn l-armati Musulmani u l-Kavallieri kellhom jaħarbu lejn Ċipru. L-istorja tagħhom kompliet f'Rodi (1309-1522) u f'Malta (1530-1798). Għal din ir-raġuni l-isem uffiċjali tal-Ordni hu dak ta' Ordni Sovran Militari Ospedalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta.

L-armati Kruċjati damu f'Akri sat-18 ta' Mejju 1291, meta l-belt intrebħet mis-Sultan Melek al Ashraf Khalil li qatel il-popolazzjoni Kristjana u qered il-port tal-Kruċjati li kienu jużawh il-Pisani, Ġenoviżi, Venezjani, u l-Ordnijiet tat-Templari u l-Ospedalieri, li kellhom ħafna ġlied bejniethom. Fost il-martri ta' Akri kien hemm il-Patrijiet Franġiskani u l-monasteru kollu tal-Klarissi.

Akri damet imġarrfa sal-1749 meta reġgħet inbniet bħala belt Orjentali u Musulmana minn Daher el-Omer u Aħmed al-Gazzar, magħruf bħala l-"Biċċier". Il-fortifikazzjonijiet tal-belt felħu għall-attakki tat-truppi Franċiżi ta' Napuljun fl-1799, u dawn kellhom jirtiraw minn Akri umiljati.

Illum Akri hi belt kbira li ħarġet barra sew mill-port medjevali u fortifikat tal-Kruċjati. Għall-pellegrin u t-turista, il-belt qadima ta' Akri, magħluqa fil-ħitan u b'forma ta' promontorju mdawra bil-baħar, u bil-belt ta' Haifa faċċata tagħha, hi ċ-ċentru ewlieni ta' attrazzjoni.

L-aktar post importanti li jżuru t-turisti hu l-Fortizza Kruċjata, jew Ċittadella. Din hi fortizza kbira li ġiet skavata bil-mod il-mod minn sekli sħaħ li fihom imtliet bir-ramel u r-radam li għattewha, kif ġralhom bosta monumenti oħrajn Kruċjati f'Akri l-antika. Il-fortizza hi wkoll magħrufa bħala ċ-Ċittadella tal-Ospedalieri, minħabba li kienet iċ-ċentru tal-ħidma tal-Kavallieri ta' San Ġwann meta dawn kienu jinsabu fil-belt.

Il-fortizza hi binja estensiva li fiha swali kbar li kienu jservu għal ħafna skopijiet (swali kapitulari, refettorju, knisja), mibnija madwar bitħa ċentrali. Il-ħitan huma ffortifikati b'mod qawwi u l-kumpless kellu torrijiet għad-difiża tiegħu. Matul il-ħakma Ottomana, Aħmed al-Jazzar iddeċieda li jibni Ċittadella Musulmana

*Akri, dehra tal-Port*





fuq il-fdalijiet tal-fortizza Kruċjata, u hekk difen il-fdalijiet Kruċjati taħt l-art. Al-Jazzar bena wkoll Moskea li ssemmiet għalih, kif ukoll Banjijiet Torok qrib iċ-Ċittadella. Il-Moskea ta' Al-Jazzar hi post impressjonanti ta' kult Musulman, u hi meqjusa t-tieni wara l-Moskea ta' Al Aqsa għall-kobor tagħha.

Il-fdalijiet Kruċjati tal-fortizza huma tassew attrazzjoni meraviljuża. L-aktar waħda famuża fost is-swali li nstabu hi dik magħrufa bħala l-Kripta ta' San Ġwann. Din hi sala rettangolari fi stil Gotiku, li hi twila 30m u wiesgħa 15m, u għandha saqaf bil-ponta għamla ta' qlugħ li hu 10m għoli, imwieżen minn kolonni enormi fiċ-ċentru. Il-fdalijiet ta' ċmiemen jissuġġerixxu li forsi s-sala setgħet kienet ir-refettorju tal-komunità tal-Kavallieri.

Hemm mina sigrieta taħt l-art li kienet twasslek barra mill-fortizza f'każ ta' periklu. L-iskavi għadhom sejrin u swali ġodda dejjem joħorġu għad-dawl. Fuq il-bitħa tal-kumpless hemm il-ħabs li kienu jużaw it-Torok Ottomani kif ukoll l-Ingliżi fi żmien il-Mandat tagħhom fuq il-Palestina. Ħafna esponenti tal-indipendenza Israeljana, li mbagħad saru nies politiċi ta' fama f'Israel, kienu sfaw priġunieri f'dan il-ħabs mill-Ingliżi.

It-toroq Kruċjati huma karatteristika oħra f'Akri, u l-aktar f'xi partijiet tas-Suq Għarbi. It-toroq huma msaqqfin, bħal fil-każ ta' Ġerusalemm il-qadima, u partikularment fil-kwartier ta' Ġenova. Ħwienet bla għadd jinsabu fuq iż-żewġ naħat tas-Suq, ibigħu ħut, ħwawar, drappijiet, ħwejjeġ, ħelu Għarbi,



*Akri, Pjanta tal-Belt Fortizza*

laħam, f'atmosfera ta' taħlit ta' irwejjaħ tipika ta' Suq Għarbi. Parti oħra tat-toroq Kruċjati tinsab fil-kwartier tat-Templari, fix-xaqliba tal-lbiċ tal-belt. F'din iż-żona nstabet il-Mina tat-Templari, li mill-belt kienet twassal direttament sal-baħar bħala mezz li minnu t-Templari setgħu jaħarbu lejn il-flotot tagħhom f'każ ta' assedju.

Il-ħitan Kruċjati ta' Akri llum jinsabu midfuna taħt il-fortifikazzjonijiet mibnija fi żmien id-dominazzjoni Ottomana. Il-fortifikazzjonijiet isegwu l-kosta u jħarsu direttament fuq il-baħar miftuħ fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-belt. F'din iż-żona, bejn il-fanal tal-port u l-port modern turistiku, hemm il-Knisja ta' San Ġwann. Din il-Knisja medjevali, li hi proprjetà tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, tħares fuq il-baħar qrib il-Port tal-Pisani. L-iskavi li saru f'dawn l-aħħar deċenni kixfu l-parti medjevali tal-Knisja, li tinsab fil-Kripta taħt il-Knisja nnifisha. Din kienet x'aktarx il-Knisja ta' Sant'Andrija li kienet inbniet mill-Kavallieri Templari. Il-Knisja tissemma mill-viżitaturi ta' Akri u tinsab ukoll murija f'diversi rappreżentazzjonijiet antiki ta' Akri. Il-Knisja attwali ta' San Ġwann inbniet fl-1737.

Qrib il-Port tal-Pisani u l-port modern hemm il-Khan el Omdan, li hu wieħed mill-aktar strutturi magħrufin ta' Akri l-antika. Dan il-Khan, li hu wieħed mid-diversi Khan (post ta' alloġġ għall-karovani u vjaġġaturi) ta' Akri, inbena qrib il-port u kien jintuża mill-merkanti u bħala post li fih tinħażen kull tip ta' merkanzija. Il-Khan inbena fl-1784-85 minn Aħmed



*Akri, Khan al-Shawarda*

al-Jazzar, Gvernatur Tork ta' Akri. F'dak iż-żmien kien jasal imiss mal-port. Għalkemm inbena minn al-Jazzar, issejjaħ Khan el Omdan, jiġifieri l-Khan tal-Kolonni. Il-bitħa jew kjostru ċentrali hi mdawra minn 40 kolonna sabiħa li inġabu mill-fdalijiet ta' Ċesarija u forsi wkoll mill-fortizza Kruċjata ta' Atlit. Il-kampnar tal-arloġġ tal-Khan hu wieħed mill-aktar strutturi magħrufin fi xbihat antiki ta' Akri.

Post ieħor importanti hu l-Khan al-Shawarda, li llum hu pjazza miftuħa qrib il-marina. Il-post ifakkar il-ġrajja tal-martirju tas-Sorijiet Klarissi li kellhom monasteru kbir f'Akri fi żmien il-Kruċjati. Huma għażlu li jisfiguraw l-uċuħ tagħhom biex iħarsu

l-verġinità tagħhom meta l-qawwiet Musulmani ta' al-Ashraf immassakraw il-popolazzjoni ta' Akri fit-18 ta' Mejju 1291. Ir-rakkont tal-martirju tagħhom ġie ddokumentat mill-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, Girolamo Golubovich.

Il-Knisja moderna Franġiskana, il-kunvent u l-iskola tat-Terra Santa jokkupaw iż-żona magħrufa bħala Khan el-Faranj, jew il-Khan tal-Franki, li oriġinarjament kien jagħmel parti mill-kwartier Venezjan tal-belt Kruċjata ta' Akri. Il-knisja u kunvent tal-Franġiskani fi żmien il-Kruċjati ma kinux fejn jinsabu llum. Kienu jinsabu fix-xaqliba tax-xlokk tal-Montmusard qrib il-Bieb ta' Sant'Anton. It-tradizzjoni tgħid li dan il-kunvent twaqqaf minn San Franġisk innifsu meta għadda minn Akri fl-1219.

## Il-waqgħa ta' Akri fl-1291

Il-kronisti tal-Medjuevu, li segwew dak li qal l-istoriu Franġiskan Luke Wadding, *Annales Minorum*, ad an. 1291, n. 1, tkellmu dwar l-istraġi tal-Insara li seħħet nhar it-18 ta' Mejju 1291, meta l-belt ġiet mirbuħa minn Malik al-Ashraf. Fost il-martri ta' din l-istraġi jissemmew il-Patrijiet Minuri u partikolarment 74 sorijiet Klarissi tal-Monasteru ta' Akri, li kien jinsab fejn illum hemm il-Khan al-Shawarda. Skont xi kronisti n-numru ta' patrijiet li nqatlu kien ta' 52, filwaqt li 8 minnhom irnexxielhom jaħarbu lejn Ċipru, fejn ħarbu wkoll il-Kavallieri Templari u Ospedalieri. Ir-rakkont l-aktar affidabbli dwar il-waqgħa ta' Akri tagħtihulna l-*Kronaka tal-24 Ministri Ġenerali tal-Ordni tal-Minuri*, miktuba mill-Franġiskan Arnald de Sarrant fl-1369-1374.

"Fis-sena tal-Mulej 1291, fl-14-il jum tal-*Kalendae* ta' Ġunju (18 ta' Mejju), il-belt ta' Akri ntrebħet mis-Saraċeni. Huma qatlu jew qabdu f'dak il-post aktar minn 20 elf Kristjan irġiel u nisa, u dan sentejn wara l-waqgħa tal-belt ta' Tripli. F'Akri kien hemm monasteru kbir tas-Sorijiet ta' Santa Klara. L-Abbadessa semgħet li kienu daħlu s-Saraċeni fil-belt, u mħeġġa b'kuraġġ ta' raġel biex tiddefendi l-kastità, sejħet malajr lis-sorijiet kollha tagħha għall-kapitlu, u wara li qaltilhom kliem li jħeġġiġhom għas-salvazzjoni tagħhom, ħeġġithom biex jingħataw għall-martirju biex b'hekk ma jħallux li l-infidili jiddisprezzaw il-virtù tas-safa ta' ħajjithom. U qaltilhom: 'Uliedi u ħuti, ejjew nistmerru din il-ħajja msejkna, u ejjew noħorġu niltaqgħu mal-għarus u l-Mulej tagħna Ġesù Kristu b'qalb safja u ġisem qawwi u sħiħ, u b'din l-offerta tagħna nixtru l-ħajja ta' bla tmiem billi nxerrdu demmna. Issa dak li intom taraw lili nagħmel, agħmluh intom ukoll bħali.' Dik il-mara kuraġġuża qabdet sikkina u qatgħet barra imneħirha, u d-demm beda jgelgel bl-abbundanza ma' wiċċha kollu. Is-sorijiet l-oħrajn ukoll għamlu kuraġġ għall-istess fidi u mħabba lejn il-kastità, u kollha sfiguraw wiċċhom u xerrdu demmhom biex iħarsu l-verġinità, hekk li taw dehra li tkexkex lil kull min rahom. X'ngħidu aktar? Malli s-Saraċeni daħlu fil-monasteru, huma ħarġu x-xwabel tagħhom bil-għatx kif kienu għad-demm tal-insara. Imma huma raw quddiemhom lil dawk il-verġni qaddisa mhux b'wiċċ sabiħ u li jiġbdek, imma b'dehra li tbeżżgħek li biha offrew ruħhom lilhom. Għall-bidu huma baqgħu miblugħin, imma mbagħad qatluhom b'kefrija kbira bix-xwabel tagħhom. Il-patrijiet tal-kunvent tal-istess belt inqatlu bl-istess mod."

Ir-rakkont ta' Johannes ta' Winterthur, li kiteb Kronaka fl-1348, jgħid li s-Saraċeni qatlu 70 elf Kristjan f'Akri, u li meta waslu fil-monasteru tal-Klarissi sabu lis-Sorijiet li kienu qed ikantaw innijiet u kantiċi lill-Mulej, għarkopptejhom jistennew it-tmiem. Hekk kif kienu jkantaw is-*Salve Regina*, huma laqgħu l-kuruna tal-martirju.

Dawn ir-rakkonti, kif ukoll il-*Kronika ta' Glassberger*

(*Analecta Franciscana* II, 106), jitkellmu b'ċertu dettall dwar il-martirju tal-Klarissi, imma ma jsemmu xejn jew appena jaċċennaw għal dak li seta' ġara lill-Patrijiet Minuri ta' Akri. Golubovich, iżda, jsemmi kodiċi tas-Sacro Convento ta' Assisi (cod. membr. n. 341, foll. 137, *Liber memorialis diversarum hystoriarum* – 1335), miktub minn Patri Franġiskan li kien kontemporanju għall-fatti kif seħħew: "Kien hemm erbatax-il Patri Minuri tal-Ordni ta' San Franġisk: il-Gwardjan flimkien ma' patrijiet oħrajn kienu telqu mill-belt (ta' Akri) qabel il-massakru, u baħħru lejn Ċipru flimkien ma' bosta kjeriċi, reliġjużi u lajċi oħrajn, għax kienu jibżgħu li minħabba d-dgħufija tagħhom jinqabdu mis-Saraċeni u jirċievu l-martirju; u billi kienu jibżgħu li dawn jitolbuhom jiċħdu l-fidi fis-sagrifiċċju ta' Kristu, u hekk jirċievu l-piena u t-turmenti, huma ppreferew pjuttost jaħarbu f'post ieħor, kif is-Salvatur kien qal lid-dixxipli meta kienu għadhom dgħajfin, u hekk ikunu jistgħu jkomplu jqimu u jiċċelebraw il-kult lil Kristu Re f'art fejn kienet issaltan il-paċi. Dawn l-erbatax-il patri, mela, baqgħu qawwijin fil-fidi, u kienu sħaħ fl-istqarrija u l-fidi tal-isem ta' Kristu, u ddeċidew li jibqgħu fil-knisja u l-kunvent tagħhom. B'hekk ġew martirizzati mis-Saraċeni, u hekk ġew meħudin fil-glorja ta' Kristu u magħdudin mal-qaddisin martri."

Id-Dumnikan Ricoldo di Monte Croce, li fi żmien il-waqgħa ta' Tripli (1289) u ta' Akri (1291) kien jinsab f'Baghdad, ħallielna ħames ittri li fihom suppliki u li fihom jilmenta bil-biki mir-rovina tar-Renju Kristjan tas-Sirja (jew Renju Latin ta' Ġerusalemm). F'dawn l-ittri nsibu riferiment għall-martirju ta' xi Patrijiet Minuri li, fl-aħħar mument, sabu kenn fil-kunvent tad-Dumnikani li kien jagħti fuq il-baħar, u hemm mietu flimkien magħhom għall-fidi fi Kristu. F'ittra li kiteb lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm Nicola, li kien Dumnikan, Ricoldo jgħid li, meta s-suldati Musulmani ġew lura mill-istraġi ta' Akri hu mar ifittex ħa jara jekk isibx fost il-priġunieri skjavi l-Patrijiet Dumikani, imma kulma ra kienu t-tonok imqattgħin u mmarkati bid-demm flimkien mal-brevjarji tagħhom. Isemmi wkoll li ra l-fdalijiet tat-tonok tal-Patrijiet Franġiskani li mietu magħhom.

F'dan il-perjodu storiku tal-qerda definittiva tar-Renju Kruċjat kienu bosta l-Franġiskani li mietu martri, għalkemm ma għandniex ċertezza dwar numri u ismijiet. Il-*Chronica Monasterii Lemovicensis* issemmi l-martirju ta' erba' Patrijiet Minuri fil-25 ta' Lulju 1266 meta s-Sultan Bibars ħakem taħt idejh il-kastell ta' Safed fil-Galilja tat-tramuntana. Jissemmew fost il-martri fra Giacomo de Puy, li kien Kustodju tal-Patrijiet Minuri fis-Sirja, u fra Geremia minn Lecce. Madwar l-1288 kien miet martri fra Philippe ta' Le Puy fil-port ta' Ashdod fil-Palestina. Fl-istess sena kien miet martri fra Francesco da Spoleto fil-belt ta' Damietta fl-Eġittu. Nafu li nqerdu l-knejjes u l-kunventi tal-Franġiskani f'Beirut (1291), Saida jew Sidon (1291), fejn il-preżenza Franġiskana tmur lura għall-1253, u Tir (1291), fejn il-kunvent tal-Franġiskani jmur lura għall-1255. Il-preżenza Franġiskana fil-Libanu, li għadha teżisti sal-lum, kienet qawwija f'dawn iċ-ċentri (u fi Tripli fit-tramuntana, fejn il-Franġiskani kellhom kunvent sa mill-1253, li waqgħet fl-1289, fejn il-*Kronaka ta' Lanercost* tgħidilna li mietu l-Franġiskani u s-Sorijiet Klarissi). Ħafna mill-patrijiet ħarbu lejn Ċipru jistennew żminijiet aħjar. Fil-belt ta' Nicosia l-Franġiskani kellhom kunvent fl-1254. Din it-telfa tal-Kruċjati kellha twassal biex il-Franġiskani jerġgħu jidħlu fl-Art Imqaddsa fil-bidu tas-seklu 14, din id-darba biex jibqgħu b'mod stabbli bħala xandara tal-paċi ta' Kristu, bil-preżenza tagħhom fuq l-Għolja ta' Sijon fiċ-Ċenaklu.



# ĠESÙ JIBDEL L-ILMA F'INBID FIT-TIEĠ TA' KANA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih."*

*(Ġw 2:11)*

*L-episodju tat-tieġ ta' Kana nsibuh irrakkontat biss fl-evanġelju ta' San Ġwann (2:1-12), fejn l-evanġelista jitkellem minn l-ewwel sinjal li għamel Ġesù.*

## Il-Post

Ir-raħal ta' Kana fil-Galilija li nsibu fil-Bibbja, huwa aktarx dak li llum huwa magħruf bħala 'Kefr Kenna', raħal tassew sabiħ li jżuruh diversi pellegrini u li jinsab madwar sitt kilometri 'il bogħod minn Nazaret fejn kien jgħix Ġesù mal-familja tiegħu. Aktarx ukoll li r-rabta ta' Ġesù ma' dan ir-raħal tkompliet tikber meta proprju Natanjel wieħed mill-appostli, kif isejjaħlu San Ġwann (ara 1:45-49 jew Bartilmew kif insibu f'Mt 10:3), kien minn dan ir-raħal. Żgur li n-nies ta' Kana kienu jħobbuh lil Ġesù għax stiednu lilu u lill-Madonna ukoll għal dan it-tieġ.

## Il-Jum

San Ġwann fl-oriġinal Grieg tiegħu jikteb li din il-festa saret 'fit-tielet jum'. It-'tielet jum' li jħabbar il-jum tal-qawmien tal-Mulej, il-jum li ġab is-salvazzjoni tal-bnedmin. Aktarx ukoll li 'dan it-tielet jum' fil-lingwaġġ semitiku jista' jirriferi ukoll għall-ġurnata tat-Tlieta, (anke fil-Malti għat-tielet jum tal-ġimgħa ngħidu: 'It-Tlieta'). Dan żgur ikompli jsaħħaħ ruħu meta niftakru li l-preparazzjonijiet għat-tieġ, fejn il-festi kienu jdumu jiem sħaħ, kienu jibdew il-Ħadd dritt wara il-jum qaddis u tal-mistrieħ tas-Sibt, fejn minbarra l-preparazzjoni tal-ikel, kienet tiġi vverifikata l-lista finali tal-mistednin qabel it-tieġ għall-aħħar konferma tagħhom. It-Tnejn kienu jkomplu l-aħħar preparazzjonijiet u t-Tlieta l-jum tat-tieġ. Kitbiet Ġudajċi bħal 'Ketubot' jurina biċ-ċar li t-tieġ tal-verġni kellu jiġi ċċelebrat fit-tielet jum.

## L-Għerusija

L-għerusija (bl-Ebrajk: *qiddushin* jew *'erusin*, bħal 'għerusija' fil-Malti) kienet torbot lill-għarrajjes daqs ir-rabta taż-żwieġ. L-għerusija kienet biex ngħidu hekk, il-kuntratt bil-kitba taż-żwieġ bejn il-ġenituri għal uliedhom u għalhekk l-għarusa kienet tkun diġà meqjusa bħala l-mara tal-għarus. Iż-żwieġ proprju (bl-ebrajk: *nissu'in*) bħala ċerimonja festiva u solenni, kienu jiċċelebrawh madwar sena wara, meta l-għarus kien iħejji l-post, id-dar, fejn seta' joqgħod hu u martu.  Ġeneralment l-għarusa kien ikollha bejn 13 u 15-il sena u l-għarus bejn 18 u 25 sena. Din kienet biex ngħidu hekk l-ikbar festa fil-ħajja ta' kull individwu Lhudi, il-festa ta' meta żżewġu. Infatti l-anġlu Gabrijel deher lill-Madonna sabiex iħabbrilha li kellha ssir Omm Alla, meta Marija kienet għarusa diġà lil San Ġużepp u għalhekk meqjusa diġà bħala l-mara tiegħu (ara Lq 1:26-38).

## It-Tieġ

Meta kien jasal il-jum iffissat għat-tieġ, l-għarus liebes l-ilbies sabiħ tat-tieġ u bil-kuruna fuq rasu kien joħroġ u akkumpanjat

minn ħbiebu kien imur fid-dar fejn kienet toqgħod l-għarusa tiegħu, jiġifieri għand il-ġenituri tagħha biex jeħodha lura miegħu b'mod solenni lejn id-dar ġdida li huwa ħejja. L-għarusa kien ikollha ilbies tassew sabiħ, u mżejna b'ħafna ġojjelli u b'kuruna fuq rasha ukoll. Lejn id-dar tagħhom il-miżżewġin kienu jimxu taħt il-baldakkin, bħala simbolu tal-barka ta' Alla fuqhom, għaliex permezz ta' din ir-rabta huma kienu jitbierku tassew. Il-korteo tal-miżżewġin kien ikun akkompanjat b'atmosfera festiva, ta' kant u ta' ferħ. Il-festa kienet issir fejn kien se joqgħod l-għarus u kienet iddum diversi jiem.

Element qawwi fil-festa kien l-inbid, simbolu ta' ferħ u ta' festa, l-inbid: "li jferraħ qalb il-bniedem" (ara Salm 104:5). Fil-kultura Biblika ma tistax timmaġina festa mingħajr inbid. L-inbid hu assoċjat ukoll mat-tiġdid tal-patt ta' Alla mal-poplu tiegħu kif naraw f'Amos 9:13-14; Ħos 2:24; Ġoel 4:18 u Ġer 31:5. Dan is-simboliżmu tal-inbid insibuh ukoll fil-profeta Isaija 54:4-8 u 62:4-5, fis-simboliżmu tat-tieġ messjaniku. L-inbid għat-tieġ kien ikun wieħed speċjali, kien magħruf infatti bħala 'l-inbid tat-tieġ' u kien ikun maħżun għal din l-okkażjoni speċjali, minn ħafna żmien qabel.

Il-ġarar tal-ħaġar li jissemmew fl-episodju kienu jintużaw għall-purifikazzjoni tal-Lhud qabel l-ikel, sabiex jaħslu idejhom. Waqt it-tieġ kien ikun hemm bżonn ta' ħafna ilma għaliex kien ikun hemm ħafna nies u għalhekk il-ġarar kienu kbar ħafna u kienu jesgħu madwar 120 litru jew madwar 25 gallun kull wieħed.

## Il-Persunaġġi

Festa tat-tieġ tinvolvi ħafna nies, insibu l-protagonisti tal-festa li huma l-miżżewġin stess, il-familjari tagħhom, dawk li jorganizzaw il-festa u l-mistednin. Ma nafux l-ismijiet tal-koppja tat-tieġ. Xi uħud isostnu għalkemm



mhux ta' min joqgħod fuqhom li seta' kien it-tieġ ta' Natanjel l-appostlu.

Ġesù u Marija jaċċettaw din l-istedina tal-ħbieb tagħhom. Fil-kultura Biblika li ma taċċettax invit għal din it-tip ta' festa huwa insult kontra l-miżżewġin u wkoll, fil-każ tat-tieġ, kontra Alla ukoll għaliex huwa Alla li jgħaqqad lill-miżżewġin u jixħet il-barka tiegħu fuqhom, kif imfisser tajjeb bil-purċissjoni bil-baldakkin jindokra fuq il-miżżewġin. Din l-importanza tal-festa tat-tieġ narawha b'mod partikulari fil-vanġeli sinottiċi fejn naraw diversi drabi s-Saltna ta' Alla mxebbha ma' festa tat-tieġ.

Il-Madonna għandha rwol importanti f'dan l-episodju, infatti l-omm ta' Ġesù hi msemmija tliet darbiet hawnhekk. Hija l-Madonna li tinduna li naqas l-inbid tal-festa, l-inbid naqas għaliex forsi kien hemm ħafna nies jew saru xi kalkoli żbaljati bħalma dejjem jista' jiġri. Marija tintervjeni biex issalva l-unur tal-miżżewġin għaliex żgur kien se jkun ta' diżunur u mistħija kbira għalihom, il-fatt li jispiċċa l-inbid tat-tieġ. Ma' Ġesù żgur kien hemm l-ewwel grupp tal-appostli: Pietru, Andrija, Ġwanni, Ġakbu, Filippu u Natanjel.

L-organizzatur tal-festa tat-tieġ jissemma b'mod tajjeb fil-vers 8, u żgur li beda jinfixel xħin ra jonqos l-inbid. Kien hemm ukoll il-qaddejja, dawk li kellhom iservu u li kienu huma li mlew is-sitt ġarar bl-ilma minn xi bir fil-qrib.





## L-Ewwel Sinjal li jħabbar l-Ikbar Sinjal

Ir-rwol tal-Madonna huwa wieħed ċentrali f'dan l-episodju għaliex tkun hi li tippreżentalna lil Kristu: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2:5). Permezz ta' dan is-sinjal kif isejjaħlu San Ġwann (fis-sinottiċi nsibu l-kelma 'miraklu'), Ġesù juri l-glorja li tilħaq il-qofol tagħha f'dik l-ikbar 'siegħa' tas-salib fejn ukoll jagħtina lil ommu bħala Ommna lkoll (ara Ġw 19:27). Marija hija dik l-Omm li tassew tinsab qrib Ġesù, li trid dejjem twassalna għal għandu.

Ġesù bħala mistieden f'dan it-tieġ ukoll jurina l-barka tiegħu fuq il-vokazzjoni taż-żwieġ u l-importanza tal-familja nisranija. Is-sitt ġarar li mtlew bl-ilma jfakkruna fis-sitt ijiem tal-ħolqien tad-dinja fejn Alla jistrieħ fis-seba' jum (in-numru perfett). Permezz ta' dan is-sinjal Ġesù irid jurina ħolqien ġdid, mhux iktar il-liġi mnaqqxa fuq il-ġebel imma dik miktuba fil-qalb ta' kull bniedem. Dan is-sinjal tal-ilma mibdul f'inbid iħabbar dak li jseħħ fl-Ewkaristija fejn il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Kristu. Dan l-ewwel sinjal fit-'tielet jum' iħabbar fuq kollox l-ikbar sinjal, dak tal-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu fit-'tielet jum'.

## Biblijografija


Barret, C.K., *The Gospel according to St. John*, London 1970.

Brown, R.E., *The Gospel according to John*, I, AB 29, New York 1966.

Buzzetti, C., *Il vangelo di Giovanni*, Roma 1984.

Cardellino, L., "Leggere Giovanni", in *Bibbia e Oriente* 38 (1996) 129-201.

Schneider, J., *Das Evangelium nach Johannes*, Berlin 1976.

Zanchettin, L. (ed.) *John. Meditations on the gospel according to St. John*, Bandra 2000.



# IL-WEGĦDA TA' PATT ĠDID (ĠER 31, 31-34)

***Mons. Lawrenz Sciberras***

L-ittra lil-Lhud twaqqaf rabta qawwija bejn is-saċerdozju u l-alleanza. Fit-Testment il-Qadim kollu din ir-rabta ma tidher imkien. Bejn is-saċerdozju ta' Kristu u l-Patt il-Ġdid ir-rabta hija qawwija ħafna! U sabiex l-awtur jipprepara għal din il-verità, l-awtur jikkwota l-oraklu sħiħ

ta' Ġeremija (31,31-34). Din hija l-itwal ċitazzjoni mit-Testmet il-Qadim li qiegħda fit-Testment il-Ġdid

"Ara, wasal iż-żmien, jgħid il-Mulej, li jiena nagħmel patt ġdid mad-dar ta' Iżrael u mad-dar ta' Ġuda. Dan ma jkunx bħall-patt li jien għamilt ma' missirijiethom, meta qbadthom minn idhom biex noħroġhom mill-art tal-Eġittu: ladarba huma ma baqgħux iżommu mal-patt tiegħi, jiena wkoll tlaqthom, jgħid il-Mulej.

"Dan hu l-patt li jien għad nagħmel mad-dar ta' Iżrael wara dawk il-jiem, jgħid il-Mulej: Nqiegħed il-liġijiet tiegħi f'moħħhom, u f'qalbhom niktibhom. U jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. Ma jgħallmux aktar wieħed lil sieħbu u wieħed lil ħuh billi jgħidlu: 'Agħraf lill-Mulej', għax ilkoll għad jagħrfuni miż-żgħir nett sal-kbir nett fosthom. Jiena nħenn għalihom fil-ħażen tagħhom, u fi dnubiethom ma niftakarx iżjed". (Lhud 8,8-12).

## Il-patt il-ġdid

Fit-Testment il-Qadim hemm diversi okkażjonijiet li fihom hemm xi wegħda. Però dawn il-wegħdiet ikunu marbutin ukoll ma' wegħdiet materjali: eżempju għotja ta' qamħ, bhejjem, inbid, żejt eċċ. F'dan l-oraklu tal-Patt il-Ġdid, l-unika ħaġa li tinteressana hija r-relazzjoni intima ma' Alla. (Ġer 31,31-34). Din hija tassew wegħda sublimi, inizjattiva li telqet minn Alla, mela gratwita, u mingħajr ma jistenna xejn lura: "Jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda" (Ġer 31,31). U għaliex din l-inizjattiva ta' Alla. L-oraklu ifisser dan kollu. Il-Lhud ma baqgħux ikunu fidili għall-Patt li għamlu ma' Alla f'riġlejn is-Sinaj (Ez 24). Mela kien hemm **bżonn ta' wieħed ġdid** u forsi li aktar jorbot.

Matul żmien l-Eżodu, Alla ħeles il-poplu mill-iskjavitù tal-Eġittu, ħelsu mill-qtil, mexxih fid-deżert. Ipprovdielu l-ikel, u fuq kollox għamel il-patt. Il-proġett ta' Alla kien wieħed ta' mħabba (Rm 19,5-6). Din l-alleanza msaħħa b'wegħda ta' fedeltà u ssiġillata bid-demm tal-annimali biex tiġi ssimboleġġjata l-għaqda ta' ħajja bejn Alla u l-poplu tiegħu (Ez 24,4-8). Però ftit żmien biss wara, din il-wegħda nkisret għalkollox mill-istess poplu. **Eżempju tipiku huwa l-epidosju tal-għoġol tad-deheb** (Ez 32). Il-poplu daqshekk ikkalkula l-patt li kien għadu kemm għamel ma' Alla!

Din is-sitwazzjoni kienet ta' sikwit tirrepeti ruħha matul l-istorja ta' Iżrael. B'mod partikulari, iż-żmien li matulu għex Ġeremija kien wieħed ta' ksur tal-patt u **infedeltà kbira** (2 Kron 36, 15-16). Hekk allura waslet il-katastrofi! L-eżilju ta' Babilonja. Dawn il-Kaldej daħlu, kissru u ġarru sa mill-qiegħ il-belt ta' Ġerusalemm, ħarqu l-belt, taw in-nar lit-tempju kaxkru n-nies lejn l-eżilju u l-Arka tal-Patt kissruha.

## Alla jibgħat il-profeti

Proprju f'din is-sitwazzjoni

prekarja, Alla jibgħat il-profeta Ġeremija biex dan iniedi inizjattiva ġdida. **Din hija l-wegħda ta' Patt Ġdid**. Din mhix alleanza sempliċement imġedda, imma alleanza waħda kollha kemm hi ġdida. Kien hemm bosta tiġdid ta' alleanza. L-ewwel wieħed ġara dritt wara l-ġrajja tal-għoġol tad-deheb (Ez 34,1). Hawn ma jidher xejn ġdid. It-twavel kellhom ikunu tal-ġebel bħal dawk ta' qabel. Fuqhom mnaqqxin bl-istess kliem. Filwaqt li l-oraklu ta' Ġeremija jafferma differenti: "Jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda. Mhux bħall-patt li għamilt ma' missirijiethom" (31,31). Kliem ċar li ma joffri ebda tifsira differenti.

Għalhekk filwaqt li l-Eżodu jinsisti fuq ix-XEBĦ, dak ta' Ġeremija fuq id-DIFFERENZA. Wara l-ksur bid-dieher tal-ewwel patt, Alla ma riedx iwaqqaf mill-ġdid xi ħaġa li din tkun bla siwi, bla valur, u li tkun iddestinata biex tfalli għal darb'oħra. **Alla ried jagħmel tibdil ġdid u mill-għeruq**. Dan kollu kien dak li Alla wiegħed lil Ġeremija. Għalhekk l-awtur tal-ittra lil-Lhud jgħid: "Meta tkellem minn patt 'ġdid', wera li dak ta' qabel kien qadim. Issa dak li jiqdiem u jixjieħ ikun wasal biex jispiċċa" (Lhud 8,13). Xi kliem ta' min jomogħdu sew!

U fejn hu l-ġdid ta' din l-alleanza? **(a)** Il-patt il-ġdid ikun interjuri, fil-qalb u mhux minn barra. **(b)** Ikun fih **relazzjoni perfetta** u reċiproka bejn Alla u l-poplu. **(c)** ma tkunx istituzzjoni kollettiva waħda tal-massa, **imma personali, wieħed ma' Alla**, **(d)** din tkun mibnija fuq il-**maħfra sħiħa tad-dnub**. Dan ir-raba' aspett juri l-ġenerożità immensa li hemm bħala bażi tal-patt il-ġdid.

## Il-bidla tal-Qalb

Dan il-patt il-ġdid għad ikun fl-intimu tal-qalb tal-bniedem. "Inqiegħed il-liġi tiegħi fosthom u **niktibha f'qalbhom**" (Ġer 31,33). Hawn joħroġ għad-dawl il-kuntrast mal-Liġi l-qadima. Fuq is-Sinaj, Alla tassew kiteb il-liġijiet tiegħu fuq żewġ twavel tal-ġebel; mela liġi minn barra biss. Dawn taqrahom iva, tħarishom, imma ma **jbiddlux il-qalb tal-bniedem**. Il-poplu kellu qalb ħażina, qalb imħassra. Dan jiġi ppruvat minn diversi testi tat-Testment il-Qadim. "Qalbu mħassra dan il-poplu, u triqati ma jagħrfux" S 95,10: Ukoll, "Dal-poplu resaq ħdejja b'fommu, u b'xufftejh biex iqimni, imma qalbhom 'il bogħod minni, mhux ħlief preċett mgħallem lilhom mill-bnedmin" Is 29, 13.

Meta il-qalb hija mħassra, l-liġijiet ma jservu assolutament għal xejn. Ukoll, l-aqwa liġijiet iservu biss biex iqanqlu x-xewqa għall-ksur tal-liġi. San Pawl huwa ċar ħafna dwar dan: Rum 7,7-8. Li wieħed ikollu l-liġi ta' Alla miktuba fil-qalb proprja tiegħu, ifisser li jkollu **qalb ħelwa u mansweta, qalb kapaċi li tkompli liberament u għall-imħabba tal-volontà ta' Alla**. Qalb żgura u konvinta li l-volontà ta' Alla hija għall-ġid sħiħ tal-persuni. Din hija

x-xewqa u fl-istess ħin il-wegħda li għamel Alla (Ġer 31,33).

## Relazzjoni reċiproka

Meta l-qalb tinbidel, titwaqqaf relazzjoni reċiproka bejn Alla u l-poplu: "Jiena nkun Alla tagħhom u huma jkunu l-poplu tiegħi". Din hija l-formula tipika tal-alleanza li ta' sikwit tidher fit-Testment il-Qadim. Però hawn għandna l-verb lejn il-ġejjieni – xi ħaġa li għad trid tintlaħaq. Meħtieġa kundizzjoni: "Isimgħu minn kliemi u għamlu skont ma kkmandajtkom, u tkunu l-poplu tiegħi u jien inkun Alla tagħkom" (Ġer 11,4). Il-profeti kellhom dejjem iqabbżu u jfakkru l-infedeltà tal-poplu li fixkel ħafna dan il-proġett.

Meta però l-liġi tinkiteb fil-qalb, tiġi żgurata r-reċiproċità tar-relazzjoni. Ġeremija għamel pass 'il quddiem, wieħed ta' kuraġġ. Din l-alleanza mhux se tkun relazzjoni kollettiva, **imma waħda personali**. Meta wieħed ikollu dan l-għarfien personali, ifisser li hemm rabta, imħabba u fiduċja.

## Tibdil sħiħ

Din is-sitwazzjoni twassal għal tibdil sħiħ u komplet tant li l-profeti kellhom ifakkru, anke kontra qalbhom, li l-poplu minkejja tant għajnuniet baqa' ma għarfuhx. Hekk Isaija: "Il-gendus jagħraf lil sidu, u l-ħmar il-maxtura ta' sidu; imma Iżrael ma jagħrafx lili" (Is 1,3). Ukoll Ġer 9,2. Għalhekk il-profeti irċevew minn għand Alla l-inkarigu biex iċanfru bis-sħiħ lil-Lhud u li jgħajtu: "Mur u għajjat f'widnejn Ġerusalemm, u għidilha: 'Dan jgħid il-Mulej: ftakart fil-ħlewwa ta' żgħożitek, fl-imħabba tal-għerusija tiegħek, meta kont tiġri warajja fid-deżert, f'art mhux miżrugħa" (Ġer 2,2).

Imma dan kollu tal-profeti ma wasalx biex iwasslu għall-konversjoni (Ġer 7,27). Però l-oraklu tal-Patt il-Ġdid wassal għal **sitwazzjoni djametrikament opposta**. Ma jgħallmux iżjed lil xulxin, u ħadd ma jgħid lil ħuh: 'Agħraf il-Mulej', għaliex ilkoll kemm huma jkunu jafuni, miż-żgħir sal-





kbir, oraklu tal-Mulej. Għax jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx" (Ġer 31,34). (Ara wkoll Is 11,9).

## Il-maħfra tad-dnubiet.

"Għax jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx" (Ġer 31-34b). Hawn joħroġ sew l-element ta' maħfra. F'dan tikber waħda sew il-ġenerożità immensa ta' Alla. L-imħabba paterna tiegħu hija mimlija ħniena u mogħdrija. Fi żmien Ġeremija l-maħfra kienet tidher ħaġa impossibbli, u dan minħabba r-ras iebsa tal-poplu. Alla jsemmi n-nuqqasijiet tal-poplu tiegħu u jitlob minn Ġeremija l-maħfra. Xi drabi Alla stess jitlob minn Ġeremija biex ma jinterċedix għall-poplu tiegħu (Ġer 7,16). Hawn però għandna sitwazzjoni ta' infedeltà sħiħa minn naħa tal-poplu – tant li kważi l-maħfra tidher impossibbli. Imma Alla donnu jibdielu u fil-ġenerożità infinita tiegħu joffri dejjem u bla kundizzjoni l-maħfra.

L-oraklu ta' Ġeremija jiftaħ **beraħ prospettiva tal-għaġeb**, però ma jgħidx b'liema mod din il-wegħda stupenda tista' sseħħ. Dan seħħ aktar 'il quddiem; jirrevelah lilna Ġesù meta, waqt l-aħħar ikla tiegħu, waqqaf l-Ewkaristija. Huwa qabad il-kalċi u qal: "Dan hu demmi tal-patt il-ġdid" (Mt 26,28; Mk 14,24) . Mela l-patt il-ġdid għandu jkun mibni mhux fuq id-demm tal-annimali **imma fuq id-demm ta' Ġesù,** "imxerred għal kotra għall-maħfra tad-dnubiet".

Il-kliem ta' Ġeremija diġà kien beda jbexxaq bieb ta' dawl għal din il-maħfra tant mixtieqa: "Għax jien naħfrilhom ħżunithom u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx".



# IL-QAWWA U L-GLORJA TAL-FIDI FL-ITTRA LIL-LHUD, KAPITLU II (IT-TIENI PARTI)

*Marcello Ghirlando ofm*

Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu konna ħloqna paragun ma' dak li qal il-Papa Emeritus Benedittu XVI fl-Ittra Apostolika *Porta Fidei* u dak li jgħid l-awtur sagru tal-Ittra lil-Lhud fil-kapitlu 11, 1 -12, 3. F'din it-tieni parti ejjew nippruvaw nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-ewwel parti (11, 1-22) ta' dan is-silta Biblika li fiha l-awtur jitkellem dwar il-qawwa u l-glorja tal-fidi.



Nafu li l-awtur sagru tal-Ittra lil-Lhud hawnhekk jagħtina lista, kważi litanija, ta' dawk il-persunaġġi li jistgħu jitqiesu bħala l-eroj tal-fidi. Fil-fatt, matul l-ittra, l-awtur jitkellem spiss mill-fidi bħala ubbidjenza lejn ir-rieda ta' Alla. Din tidher b'mod partikulari fil-persuna ta' Ġesù (12, 3). B'din il-lista ta' persunaġġi tar-Rabta l-Qadima l-awtur sagru jrid juri l-qawwa u l-ġmiel tal-fidi li dehret f'ħajjithom; u jekk huma kienu nies ta' fidi kbira, kemm aktar għandhom ikunu l-insara li qed jgħixu wara l-opra tal-fidwa tal-Mulej Ġesù Kristu.

Hekk jikteb testwalment l-awtur sagru tal-Ittra lil-Lhud fil-kapitlu 11, 1-19: "Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx. In-nies tal-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwasew għax kellhom il-fidi. Hu permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu, hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher".

"Kien permezz tal-fidi li Abel offra lil Alla sagrifiċċju aħjar minn ta' Kajin, sagrifiċċju li bis-saħħa tiegħu kiseb xhieda

li hu kien raġel ġust, u Alla tah xhieda tad-doni tiegħu; u b'dik il-fidi hu għadu jsamma' leħnu għad li miet".

"Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Ħenok ittieħed minn fostna hekk li hu l-mewt ma rahiex; ma nstabx iżjed, għax Alla kien ħadu. U tassew, qabel ma ttieħed kien kiseb xhieda li hu kien għoġob lil Alla. Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh".

"Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Noè, mgħarraf minn Alla dwar ħwejjeġ li kienu għadhom ma jidhrux, mimli b'biża' qaddis bena arka biex isalva l-familja tiegħu; u b'dik il-fidi kkundanna d-dinja u sar werriet tal-ġustizzja li tinkiseb bis-saħħa tal-fidi".

"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer. Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu barrani f'art barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Iżakk u Ġakobb, li kienu werrieta miegħu tal-istess wegħda; għax hu kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla".

"Kienet ukoll il-fidi li biha Sarah, mara mdaħħla fiż-żmien, setgħet titqal, għax hija għarfet li ta' kelmtu kien dak li għamlilha l-wegħda. Kien għalhekk li minn bniedem wieħed, li kien tista' tgħid mejjet, twieldu nies bil-kotra daqs il-kwiekeb tas-sema u daqs ir-ramel ta' xatt il-baħar, li ħadd ma jista' jgħoddu.

"Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies. Kienu għadhom ma ħadux dak li kien imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art. Tabilħaqq, dawk li jitkellmu b'dan il-mod juru ċar li huma qegħdin ifittxu pajjiż għalihom. Li kieku kellhom fi ħsiebhom il-pajjiż li minnu kienu ħarġu, kellhom żmien biżżejjed biex jerġgħu lura fih. Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema. Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom".

"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu l-waħdieni sewwasew dak li kien ħa l-wegħdiet, hu li Alla kien qallu: «Minn Iżakk int għad ikollok nisel.» Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt".

"Kien ukoll permezz tal-fidi li Iżakk bierek 'il Ġakobb u 'l Għesaw dwar dawk il-ħwejjeġ li kellhom jiġu. Permezz tal-fidi Ġakobb, hu u jmut, bierek lil kull wieħed minn ulied Ġużeppi u ta qima lil Alla, waqt li tbaxxa fuq tarf il-bastun li kellu. Permezz tal-fidi Ġużeppi, fl-aħħar ta' ħajtu, tkellem fuq il-ħruġ tal-Iżraelin mill-Eġittu u qalilhom x'kellhom jagħmlu b'għadmu".

## Definizzjoni tal-Fidi

Fl-ewwel tlett ivrus l-awtur sagru jagħtina definizzjoni tal-fidi: "Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx. In-nies tal-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwasew għax kellhom il-fidi. Huwa permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu, hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher". Jinsisti fuq li hija l-pedament tal-ħwejjeġ li nittamaw u l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx. Jixtieq imexxi lill-qarrejja tiegħu lejn dak li ma jidhirx biex jirċievu l-milja tal-wegħdiet ta' Alla. Hekk għamlu missirijiethom fil-fidi: huma emmnu fil-wegħdiet li ma rawx u li ma seħħewx fi żmienhom. Jekk għamlu hekk huma, kemm aktar l-insara li raw il-wegħdiet ta' Alla li seħħew fi Kristu u li fuqu għandhom jixħtu l-ħarsa tagħhom. Hu, fl-aħħar mill-aħħar, huwa l-eżempju suprem tal-fidi, "hu li flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu" (12, 2).



## Abel, Ħenok u Noè

Biex id-diskors fuq il-fidi ma jibqax diskors astratt, l-awtur sagru, imlaqqam fit-tradizzjoni tal-Iskritturi Lhud u tal-Ġudajiżmu Ellenistiku, iħoss il-bżonn li jġib l-eżempji. Huma l-eżempji ħajjin tal-missirijiet storiċi tal-poplu l-magħżul li jrendu l-fidi konkreta.

L-ewwel żewġ eżempji li jġib l-awtur huma Abel (Ġen 4) u Ħenok (Ġen 5, 22-24). Fit-tradizzjoni Biblika dawn mhumiex magħrufa għall-fidi tagħhom imma aktar għall-ħajja ġusta tagħhom. Jidher li l-awtur sagru għandu f'moħħu l-istqarrija ta' Ħabakkuk 2,4, "Il-ġust jgħix bil-fedeltà tiegħu". Il-fidi, il-fedeltà tidher neċessarjament fil-ħajja ġusta.

"Kien permezz tal-fidi li Abel offra lil Alla sagrifiċċju aħjar minn ta' Kajin, sagrifiċċju li bis-saħħa tiegħu kiseb xhieda li hu kien raġel ġust, u Alla tah xhieda tad-doni tiegħu; u b'dik il-fidi hu għadu jsamma' leħnu għad li miet". Abel kien raġel ġust, frott il-fidi tiegħu. Għoġob lil Alla minħabba l-fidi tiegħu. Hu proprju għalhekk, minħabba l-eżempju ċar tal-fidi tiegħu, li hu għadu jsamma' leħnu għad li miet. L-għajta ta' demmu mill-art hija fil-fatt, skont l-awtur sagru, l-għajta tal-fidi tiegħu.

Anke l-fidi ta' Ħenok tiġi mfaħħra: "Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Ħenok ittieħed minn fostna hekk li hu l-mewt ma rahiex; ma nstabx iżjed, għax Alla kien ħadu. U tassew, qabel ma ttieħed kien kiseb xhieda li hu kien għoġob lil Alla. Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh". Ġaladarba Ħenok kien għoġob lil Alla, għall-awtur sagru ta' din l-ittra, dan ifisser li kien ġust għax kellu l-fidi. Interessanti ninnutaw kif f'dawn il-persunaġġi u fl-oħrajn li se jissemmew, l-awtur sagru bħal donnu jikkonċentra fuq id-don tal-fidi: kull rakkont bibliku marbut mal-persunaġġi jaqrah f'dan id-dawl, anke jekk fil-fatt ir-rakkonti jikkonċentraw fuq aspetti oħra.

Wara Ħenok l-awtur sagru jgħaddi biex jitkellem minn Noè (Ġen 6, 1 – 9, 29). "Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Noè, mgħarraf minn Alla dwar ħwejjeġ li kienu għadhom ma jidhrux, mimli b'biża' qaddis bena arka biex isalva l-familja tiegħu; u b'dik il-fidi kkundanna d-dinja u sar werriet tal-ġustizzja li tinkiseb bis-saħħa tal-fidi". Hija l-ħajja tajba ta' Noè, il-ġustizzja tiegħu, li tolqot lill-awtur: din il-ġustizzja kienet neċessarjament frott il-fidi tiegħu, kif jidher ċar

mill-aħħar vers li jitkellem minnu.

## Abraham, Xempju tal-Fidi

Abraham huwa l-eżempju per eċċellenza tal-fidi fit-tradizzjoni Biblika (Ġen 12, 1-3; Rum 4, 9-11; Gal 3, 6-9). Fl-ewwel riferiment għal Abraham, l-awtur hemm jintroduċih: "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer. Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu barrani f'art barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Iżakk u Ġakobb, li kienu werrieta miegħu tal-istess wegħda; għax hu kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla". Hija l-fidi li tqanqal lil Abraham jafda fil-kelma ta' Alla; hija l-fidi li tixprunah lejn id-destinazzjoni aħħarija tiegħu; hija l-fidi li tħarsu u tkabbar fih, u fin-nisel tiegħu, it-tama fit-twettieq sħiħ tal-wegħdiet. L-istennija tal-belt mibnija fis-sod, tisseddaq fih u f'Iżakk u Ġakobb, permezz tal-fidi perseveranti. Hija l-istennija li fiha jidħlu b'mod aktar sħiħ dawk li jemmnu u li issa għandhom il-grazzja tal-fidi mdawla mill-opra tal-fidwa tal-Mulej Ġesù.

L-awtur sagru jkompli billi juri kif isseħħ il-wegħda tan-nisel permezz ta' Abraham u Sarah, u dan diġà f'ħajjithom: "Kienet ukoll il-fidi li biha Sarah, mara mdaħħla fiż-żmien, setgħet titqal, għax hija għarfet li ta' kelmtu kien dak li għamlilha l-wegħda. Kien għalhekk li minn bniedem wieħed, li kien tista' tgħid mejjet, twieldu nies bil-kotra daqs il-kwiekeb tas-sema u daqs ir-ramel ta' xatt il-baħar, li ħadd ma jista' jgħoddu". Dan kollu juri kemm il-ħajja tal-Patrijarka kienet profondament imlaqqma fil-fidi: mis-sejħa bikrija tiegħu biex jitlaq art twelidu u jmur jgħix fl-art tal-wegħda sat-trawwim tax-xewqa tal-belt li tibqa' għal dejjem. Xewqa li seddqet it-tama, tama li mexxietu u wettqet il-fidi



kostanti tiegħu. Fidi li għamlitu missier ta' kotra kbira ta' ġnus, kollha wlied il-fidi.

Qabel ma jgħaddi biex ifakkar ġrajja oħra marbuta ma' Abraham, dik tas-sagrifiċċju ta' Iżakk (Ġen 22, 1-19), l-awtur sagru jkompli jitkellem fuq l-iskop aħħari li Alla ħejja għal nisel Abraham u Sarah. Skop li lejh ixxennqu bil-qawwa tal-fidi tagħhom: "Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies. Kienu għadhom ma ħadux dak li kien imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art. Tabilħaqq, dawk li jitkellmu b'dan il-mod juru ċar li huma qegħdin ifittxu pajjiż għalihom. Li kieku kellhom fi ħsiebhom il-pajjiż li minnu kienu ħarġu, kellhom żmien biżżejjed biex jerġgħu lura fih. Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema. Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom".

Fil-fatt, anke jekk Abraham u Sarah u nisilhom, daħlu u għexu fl-art tal-wegħda, xorta qiesu rwieħhom bħala għorba u barranin (ara: Salm 105, 12). L-awtur sagru jaqra l-karattru nomadiku ta' dawn il-ġenerazzjonijiet bħala prova li huma sellmu mill-bogħod il-wegħdiet magħmula lilhom. Qisu jrid jgħid li huma li diġà tlaqqmu fil-wegħdiet ta' Alla, mexjin 'il quddiem b'tama bis-saħħa tal-fidi. Mexjin lejn dak li Alla jwiegħed: pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema. Isiru għalhekk eżempju ta' dawk kollha li jixxennqu għall-wirt fl-eternità mwiegħed minn Alla. Eżempju ħaj għall-qarrejja ta' din l-ittra li, huma wkoll, jitlaqqmu fl-istqarrija ta' 13, 14: "Għax aħna hawnhekk ma ghandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin infittxu dak li għad trid tiġi".

Fil-vrus 17-19 l-awtur sagru jfakkar fil-fidi ta' Abraham murija fit-talba għas-sagrifiċċju ta' Iżakk: "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu l-waħdieni sewwasew dak li kien ħa l-wegħdiet, hu li Alla kien qallu: «Minn Iżakk int għad ikollok nisel.» Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt".

Hija l-istorja li l-aktar li turi l-qawwa tal-fidi tal-Patrijarka Abraham: Alla jitlob is-sagrifiċċju ta' Iżakk biex iġarrab lil Abraham; Abraham juri l-fidi tiegħu. Il-fidi li hija mlaqqma fit-tama; tama li sawret il-qalb ta' Abraham li huwa u sejjer b'Iżakk, baqa' jemmen li Alla ma kellux jitradih. Il-messaġġ hawnhekk huwa qawwi għal kull min jaqra dawn il-vrus li huma mlaqqma fil-vrus introduttivi: "Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx".

## Iżakk, Ġakobb u Ġużeppi

L-awtur sagru jagħlaq din il-parti billi jsemmi l-fidi ta' Iżakk, Ġakobb u Ġużeppi, nisel Abraham.

“Kien ukoll permezz tal-fidi li Iżakk bierek ’il Ġakobb u ’l Għesaw dwar dawk il-ħwejjeġ li kellhom jiġu”. Iżakk ibierek ’il Ġakobb u ’l Għesaw (ara: Ġen 27, 27-40) “dwar dawk il-ħwejjeġ li kellhom jiġu”. M’għandna l-ebda allużjoni għal dak li kien inqala’ bejn l-aħwa: dak li huwa importanti għall-awtur sagru huwa l-futur tal-wegħdiet, frott il-fidi ta’ Iżakk. Ftit qabel mewtu hu jbierek lil uliedu, iħares lejn il-futur, b’tama mlaqqma fil-fidi tiegħu.

“Permezz tal-fidi Ġakobb, hu u jmut, bierek lil kull wieħed minn ulied Ġużeppi u ta qima lil Alla, waqt li tbaxxa fuq tarf il-bastun li kellu”. Ir-rakkont Bibliku tal-Ġenesi rigward Ġakobb ma jagħmilx insistenza fuq il-fidi tiegħu. Probabbilment l-awtur sagru għandu f’moħħu l-Ktieb tal-Għerf 10, 10, fejn Ġakobb jiġi deskritt bħala bniedem ġust. Hu forsi proprju għalhekk li Ġakobb jitqiegħed fil-litanija tal-eroj tal-fidi: fid-dawl tal-istqarrija ta’ Ħabakkuk, il-bniedem ġust igħix bis-saħħa tal-fidi tiegħu! Mela anke l-Patrijarka Ġakobb li jbierek lil ulied Ġużeppi, Efrajm u Manassi (ara: Ġen 47, 29), ftit qabel mewtu (Ġen 48, 8-22),huwa hu jitbaxxa fuq it-tarf tal-bastun tiegħu u jagħti qima lil Alla bħala sinjal tal-fidi tiegħu.

L-aħħar eroj tal-fidi li jissemma f’din il-parti huwa Ġużeppi: “Permezz tal-fidi Ġużeppi, fl-aħħar ta’ ħajtu, tkellem fuq il-ħruġ tal-Iżraelin mill-Eġittu u qalilhom x’kellhom jagħmlu b’għadmu”. Ġużeppi jitkellem fuq il-mewt tiegħu f’Ġen 50, 24-25. Li Ġużeppi jitkellem mill-Eżodu tal-Lhud huwa sinjal għall-awtur sagru li kellu l-fidi: il-fidi li Alla, bil-qawwa tal-fedeltà tiegħu lejn il-wegħdiet, kellu tabilħaqq jifdi lil Israel mill-Eġittu. Hekk seta’ jagħti l-istruzzjonijiet ta’ x’kellu jsir minn għadmu.

Dawn huma kollha eżempji tal-missirijiet li kienu laqqmu ħajjithom fil-fidi: fidi li fetħet l-orizzont għar-realtajiet tal-futur, realtajiet li huma ma setgħux jaraw b’għajnejhom: Abraham ittama li Alla jipprovdi sagrifiċċju flok ibnu; Izakk bierek lil uliedu u ħabbar dak li kellu jseħħ, jiġifieri li Ġakobb kellu jkun ikbar minn Għesaw, ħuh tewmi; Ġakobb bierek lil Efrajm u Manassi u ħabbar li tal-ewwel kellu jkun ikbar minn ħuh il-kbir; Ġużeppi ħabbar l-Eżodu u wera x-xewqa għal dak li kellu jsir b’għadmu. Missirijiet il-poplu jdawlu tabilħaqq il-ħajja tal-fidi, fidi li hija “pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx”.





# ‘IL-LHUD’ FL-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA U FL-ATTI TAL-APPOSTLI (2)

*Rev. Dr Martin Micallef ofm cap*

Fl-ewwel parti ta’ dan l-artiklu bdejna naraw kif it-tema tal-Lhud fl-Luqa-Atti hija waħda mill-aktar kontroversjali fl-istudji bibliċi. U dan minħabba li l-istess studjużi jaslu għall-konklużjonijiet differenti minn xulxin meta jitrattaw din it-tema. Rajna għalhekk bosta elementi pożittivi li jissemmew fuq it-trattament tal-Lhud f’dawn iż-żewġ volumi u kif fl-Atti

tal-Appostli, San Luqa jasal biex jiskuża lil-Lhud għall-fatt li dawn qatlu lill-Messija għaliex ma kinux jafu lil min kienu qegħdin jikkundannaw. B'dan il-mod, l-Evanġelista jagħti opportunità oħra lil dan il-poplu permezz tad-diskorsi ta' Pietru li jistedinhom sabiex jindmu u jitgħammdu. Jekk jagħmlu hekk isalvaw, jekk le allura, il-bieb tas-salvazzjoni jkun ingħalaq għalihom darba għal dejjem.

## Aspetti Negattivi

Fid-dawl ta' dan kollu nistgħu naraw li l-episodju ta' Ġesù fis-Sinagoga ta' Nazaret (Lq 4,16-30), li San Luqa jitfgħu fuq quddiem nett tan-narrativa tiegħu, filwaqt li jespandih u jippreżentah bħala episodju programmatiku fil-ħajja ta' Ġesù fuq din l-art, diġà jħabbar il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Dak li ma rnexxielhomx jagħmlu n-nies ta' Nazaret dakinhar meta "qamu, u ħarġuh [lil Ġesù] 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum tal-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel, iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer" (vv 29-30), fil-fatt seħħ aktar tard. Dan l-episodju jħabbar ukoll il-mewt ta' Stiefnu l-martri, li sfida l-esklussività tat-twemmin Lhudi (ara Atti 7).

Dan kollu jeħodna lura għall-akkuża li Jack T. Sanders jagħmel liż-żewġ volumi miktuba minn Luqa, jiġifieri, li Luqa-Atti huma kitbiet li jirriflettu 'l-anti-Semitiżmu.'[1] Imma mqar dan il-ġudizzju daqshekk aħrax jiddependi fuq il-mod kif nifhmu u ninterpretaw l-aħħar paragrafu li bih jagħlaq il-ktieb tal-Atti tal-Appostli f'28, 17-30. Hawnhekk naqraw li wara li Pawlu wasal Ruma "huwa laqqa' flimkien miegħu l-kapijiet tal-Lhud" (v.17) u "għamel kemm felaħ biex jipperswadihom permezz tal-Liġi ta' Mosè u l-Profeti ħalli jemmnu f'Ġesù Kristu" (v.23). Dak li Pawlu xtaq hawnhekk ma kinetx deċiżjoni individwali imma deċiżjoni kollettiva li kienet tinvolvi l-komunità Lhudija kollha. Imma wara li ma rnexxilux jagħmel dan, huwa jirrepeti l-kliem aħrax tal-Profeta Isaija, kliem li jitkellem fuq 'il-qalb iebsa' "ta' dan il-poplu" (vv 25-27). Dan huwa test li Ġesù nnifsu użah ukoll fl-Evanġelju. Fl-aħħar, Pawlu jħabbar "li Alla bagħat din is-salvazzjoni tiegħu lill-pagani; u huma jisimgħu" (v.28).

Għal studjużi bħal Sanders dan huwa l-ogħla punt tal-anti-Semitiżmu ta' San Luqa. L-interpretazzjoni ta' Luqa ta' din is-silta (Atti 28,28) turi li s-salvazzjoni hija għall-Pagani u allura Luqa qata' barra għalkollox lil-Lhud. Imma argumenti bħal dawk ta' Sanders juru li min jagħmilhom ikun qed jinsa noti oħra li juża San Luqa li huma daqshekk ieħor importanti u li ma nistgħux nagħlqu għajnejna għalihom.

Hekk, per eżempju, San Luqa ma jagħmilx xi sforz kbir biex joqgħod jattakka lil-Lhud. Imqar f'din l-aħħar xena li biha jagħlaq l-Atti tal-Appostli, Pawlu xorta waħda jibqa'



jitkellem b'mod pożittiv fuq "it-tama ta' Iżrael" (v.20). Mhux biss, imma minkejja kollox naqraw li "xi wħud emmnu dak li qalilhom" Pawlu (v.24).

Fil-fatt, għalkemm ħafna mil-Lhud f'Ruma baqgħu ma emmnux, mill-ewwel parti ta' dan l-artiklu nafu li din hija strateġija li San Luqa juża matul il-kitba tiegħu fl-Atti tal-Appostli fejn jippreżenta l-udjenza ta' Pawlu permezz ta' żewġ kategoriji: dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux. Mela l-aħħar nota li biha jagħlaq l-Atti tal-Appostli mhijiex ġdida fin-narrattiva ta' dan it-tieni volum ta' San Luqa. Minħabba f'hekk mela meta f'din l-istess xena naqraw li "xi wħud emmnu dak li qalilhom" Pawlu (v.24), nifhmu li l-bieb kien għadu mbexxaq għal-Lhud, u li San Luqa ma kienx qed jikkundanna l-poplu kollu ta' Iżrael.

Aktar minn hekk, is-silta tagħlaq billi tkompli tinfurmana li "Pawlu dam joqgħod hemm għal sentejn sħaħ fid-dar li kien kera; hemm kien jilqa' lil dawk kollha li kienu jiġu għandu" (v.30). L-espressjoni "dawk kollha li kienu jiġu għandu" tinkludi wkoll il-Lhud kif ukoll il-pagani. Din in-nota, mela, mill-ġdid, tfakkarna li San Luqa ma kienx qata' qalbu għalkollox mill-poplu Lhudi u li l-bieb kien għadu miftuħ għalihom, anke jekk issa dan il-bieb kien jidher biss imbexxaq u mhux miftuħ beraħ bħalma kien fil-bidu tan-narrattiva tal-Atti tal-Appostli.

Dawn in-noti rridu nagħtuhom l-importanza tagħhom qabel ma ngħaddu ġudizzju fuq il-mod kif San Luqa jitkellem fuq il-Lhud. Minbarra hekk, dan l-istess Evanġelista għandu wkoll numru ta' referenzi li jippreżentawna b'elementi pożittivi fuq il-Lhud u l-Ġudaiżmu li meta nippreżentawhom ikun diffiċli li tibqa' ssostni li dan l-Evanġelista jista' jiġi akkużat b'anti-Semitiżmu.

Ċertament li San Luqa ried juri kif il-moviment nisrani ġdid li kien għadu jitwieled, aktar ma jmur kien qed jiġi aċċettat aktar mill-pagani milli mil-Lhud li fil-biċċa l-kbira tagħhom ċaħdu lil Ġesù bħala l-Messija. Imma l-kontinwità bejn il-Ġudaiżmu u l-moviment nisrani l-ġdid hija xi ħaġa li diffiċli tiċħadha. Fil-preżentazzjoni ta' San Luqa, għalhekk, m'hemm l-ebda dubju fuq ir-rispett kbir li huwa juri lejn lir-realtà Lhudija għall-fatt li din tirrappreżenta l-ewwel fażi fl-istorja tas-salvazzjoni li bdiet magħhom.

B'danakollu, aktar ma n-narrativa tagħmel progress aktar ninnutaw it-tensjonijiet li jqumu bejn dawn iż-żewġ realtajiet. San Luqa jitfa' l-ilma fuq in-nar tal-kwestjonijiet u l-polemiċi li nsibu fl-Evanġelji Sinottiċi l-oħra. Dan, iżda bl-ebda mod ma jfisser li San Luqa ried jaħbi l-fatt li Ġesù bata oppożizzjoni ħarxa mill-mexxejja tal-poplu tiegħu u li bħala riżultat il-predikazzjoni tal-Appostli sabet sitwazzjoni simili.

Jekk mela m'hemmx qbil bejn l-istudjużi dwar kif għandna nevalwaw lil Luqa-Atti fir-rigward tat-trattament li jagħtu fuq il-Lhud, dan iwassalna biex nistaqsu: kif se nippruvaw insolvu dik li mal-ewwel daqqa t'għajn tidher bħala kontradizzjoni fil-kitbiet ta' San Luqa? F'kelma oħra, San Luqa kien daqshekk kontra l-Lhud b'mod li l-kitbiet tiegħu jirriflettu fil-fatt element ta' anti-Semitiżmu? Jew inkella San Luqa huwa daqshekk pożittiv dwar il-Lhud u l-Ġudaiżmu? Il-mistoqsija li tibqa' hija f'liema perspettiva se nippruvaw inġibu flimkien dawn l-elementi kontrastanti.

Jekk l-għażla hija sempliċiment bejn Luqa-Atti li huma favur jew kontra l-Lhud, allura m'hemmx triq oħra x'nagħżlu ħlief li mmorru ma' naħa u mhux ma' oħra. Jekk Luqa-Atti huma tant favur il-Lhud, għaliex allura dawn il-kitbiet jinkludu l-ħruxija ta' kliem profetiku ta' ġudizzju kontra l-poplu u d-diskors ta' Stiefnu kontra t-Tempju? Min-naħa l-oħra, jekk Luqa-Atti huma kontra l-Lhud, għaliex mela huwa juri li l-għeruq tal-moviment Kristjan huwa wieħed Lhudi, speċjalment fejn tidħol it-twettiq ta' tant profeziji tal-Iskrittura?

It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet hija marbuta mal-għan li għalih inkiteb





l-Atti tal-Appostli bħala t-tkomplija tal-Evanġelju ta' San Luqa. Kif ħa naraw lanqas hawn ma nirċievu tweġiba daqshekk ċara u dan nistgħu napprezzawh meta nqisu d-diversi attentati li bosta studjużi għamlu biex jippruvaw iwieġbu għal din il-mistoqsija.

## L-Għan tal-Atti tal-Appostli

Għal ħafna qarrejja, l-Atti tal-Appostli huwa sempliċiment l-istorja *[history]* tal-Knisja tal-Bidu. Din il-karatteristika għandha bażi soda għall-fatt li hija tagħraf li l-kontenut ta' Luqa-Atti huwa intenzjonat li jkun wieħed storiku. Fil-fatt, fil-bidu tal-Evanġelju, San Luqa jikteb li huwa ried jikteb "kollox ħaġa b'ħaġa" (Lq 1,4) dak kollu li kien ġara.

Imma din il-perspettiva tillimita l-għan li għalih seta' nkiteb l-Atti tal-Appostli. Fil-fatt, meta naqraw b'reqqa dak li kiteb San Luqa ninnutaw li dan il-kittieb għażel b'reqqa dak li kellu jikteb filwaqt li ħalla barra elementi oħra li nafu bihom mill-Evanġelji l-oħra jew inkella mill-Ittri ta' San Pawl. Dan ifisser, mela, li nqisu l-Atti tal-Appostli sempliċiment bħala l-istorja tal-Knisja tal-Bidu mhuwiex l-uniku għan li għalih San Luqa kiteb it-tieni volum.[2]

Proposta oħra li għandha l-qawwa tagħha hija li l-Atti nkiteb bħala ġrajja missjunarja ta' kif il-Knisja kibret u tferrxet b'referenza speċjali għall-ġrajjiet marbuta ma' Pietru u Pawlu bħala l-karattri ewlenin, u Stiefnu u Filippu bħala karattri inqas prominenti. Imma jekk dan kien l-għan li għalih inkiteb l-Atti, allura dan ma jispjega xejn fuq ħafna min-narrativa, speċjalment fir-rigward tal-ewwel volum, l-Evanġelju.[3]

Xi studjużi oħra huma tal-fehma li San Luqa kiteb apoloġija jiġifieri difiża favur il-Moviment Nisrani. Billi juri kif dan il-moviment ma kien tal-ebda theddida politika, mexxejja Rumani setgħu jagħtu lill-insara l-istess drittijiet u privileġġi li kienu jgawdu l-"Lhud l-oħra." F'dan id-dawl, il-fatt li San Luqa jpinġi l-Kristjaneżmu bħala twemmin li għandu l-għeruq tiegħu fil-Ġudaiżmu għandu mela għan politiku. Fl-Evanġelju, San Luqa jagħmel dan billi jagħmilha ċara

li Ġesù ma kien tal-ebda theddida għar-Rumani. Għalhekk, per eżempju, f'dan l-Evanġelju naqraw kif Pilatu għal tliet darbiet jiddikjara li Ġesù kien persuna innoċenti (ara Lq 23,4.14-15.22). Ġesù jħeġġeġ lin-nies biex jagħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari (Lq 20,25). Dawn it-temi jkomplu wkoll fl-Atti tal-Appostli li juri kif Pawlu ma nstabx ħati ta' ebda att kriminali kontra l-istat Ruman. U din il-ħaġa hija rripetuta aktar minn darba f'diversi proċessi li jgħaddi minnhom Pawlu.

P. Walaskay,[4] jimmodifika dan l-argument billi jżomm li aktar milli biex jiddefendi l-Knisja mill-imperu, San Luqa kien qed jiddefendi l-imperu għall-Knisja. Dan ifisser li San Luqa kien kollu kemm hu favur ir-Rumani u ried juri lill-insara ta' żmienu li relazzjonijiet tajba mal-imperu setgħu jiffaċilitaw aktar l-espansjoni tal-Knisja.

Din it-teorija iżda ġiet mormija minn R. Cassidy,[5] li juri kif l-Evanġelju skont San Luqa qatt ma kien intenzjonat bħala difiża politika. Dan narawh mill-fatt li l-kliem u l-azzjonijiet ta' Ġesù f'dan l-Evanġelju għandhom konsegwenza revoluzzjonarja, li ħadd minn dawk li jaqrahom ma jista' jikkonvinċi ruħu li Ġesù hu politikament newtrali. Fil-fatt, Ġesù jiffavorixxi soċjetà mibnija fuq servizz b'umiltà aktar milli fuq strutturi ta' qawwa. Huwa jeħodha kontra l-inġustizzji u jitkellem kontra l-oppressjoni, filwaqt li jsejjaħ għal non-vjolenza, jafferma rwoli ġodda tan-nisa u jikkundanna lill-għonja. Huwa jsejjaħ lil Erodi 'volpi' (Lq 13,32) filwaqt li jitkellem ukoll fuq il-moħqrijiet ta' Pilatu (ara Lq 13,1-3).

Fuq kollox, huwa improbabbli li Luqa-Atti kienu intenzjonati għall-udjenza Rumana mhux Nisranija. Din it-teorija għalhekk ftit li xejn iżżomm fuq saqajha bħala l-għan ewlieni li għaliha nkiteb l-Atti tal-Appostli.

Xi studjużi oħra jinnutaw li t-tieni parti tal-Atti tikkonċentra fuq il-figura ta' Pawlu u jargumentaw li l-Atti nkiteb bħala difiża għall-Pawlu u għat-tagħlim tiegħu. F'dan id-dawl, l-għan ta' San Luqa huwa li juri li l-akkużi tal-Lhud kontra Pawlu kienu bla ebda bażi. Pawlu ma kien għamel xejn ħażin kontra l-Liġijiet Lhud.[6]

Il-kritika lejn Pawlu, iżda, setgħet ġiet ukoll minnn direzzjoni oħra, jiġifieri, minn xi nsara oħra li ħaduha kontra l-mod kif Pawlu kien qed jifhem u jipprietka l-Liġi. Mill-Ittri ta' San Pawl, b'mod speċjali, nafu kif xi nsara oħra, speċjalment dawk li kienu ġejjin minn Ġerusalemm kienu għadhom qed iżommu ma' forma ta' Kristjaneżmu li kienet ixxaqleb ħafna lejn il-Ġudaiżmu u l-Liġijiet tiegħu.

Bla ebda dubju, Pawlu għandu sehem importanti x'jilgħab fir-rakkont tal-Atti tal-Appostli, iżda dan l-anqas mhu l-għan ewlieni li għalih San Luqa kiteb l-Atti, għaliex fl-ewwel parti ta' din il-kitba, Pawlu ma jissemmiex. X'setgħet mela kienet ir-raġuni li għaliha San Luqa kiteb l-Atti tal-Appostli?

It-tweġiba għal din il-mistoqsija tista' tkompli tgħinna nagħrfu l-mod kif dan l-Evanġelista jevalwa lil-Lhud fiż-żewġ volumi li kiteb: Luqa-Atti. Inkomplu nippruvaw inwieġbu għal din il-mistoqsija fit-tielet parti ta' dan l-artiklu.

## Referenzi


1 Ara Jack T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts,* London 1987.

2 Fuq dan l-argument ara l-istudju ta' Robert Maddox, *The Purpose of Luke-Acts,* Edinburgh 1982.

3 Ara Ibid.

4 P. Walaskay, *'And so we came to Rome', The Political Perspective of St Luke* (= SNTSMS 49), Cambridge 1983.

5 R. Cassidy, *Jesus, Politics, and Society, A Study of Luke's Gospel,* Maryknoll 1978.

6 Ara, per eżempju, l-istudju ta' J. Jervell, *Luke and the People of God. A New Look at Luke-Acts,* Minneapolis 1972.



# IT-TEŻORI TAL-QABAR TA' KRISTU ESPOSTI F'VERSAILLES

*Noel Muscat ofm*

Mis-16 ta' April sal-14 ta' Lulju, fis-Swali tal-Kruċjati tal-Palazz Irjali ta' Versailles, f'Pariġi, qed tinżamm wirja spettakolari li għandha bħala titlu "It-Teżori tal-Qabar ta' Kristu. Rigali tal-familji rjali Ewropej lil Ġerusalemm."

Din il-wirja hi partikolarment importanti. Fil-fatt, għall-ewwel darba fl-istorja, qed jiġu esposti 250 kapolavur ta' arti u artiġġjanat li kienu jinsabu moħbija jew imrekknin f'imħażen fit-Teżor tal-kunvent ta' San Salvatur ta' Ġerusalemm, u fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Għal tliet xhur il-pubbliku jista' jammira t-Teżori li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa irċeviet matul is-sekli mill-familji rjali Kristjani tal-Ewropa, li kienu jippikaw biex isebbħu bl-isbaħ oġġetti prezzjużi ta' artiġġjanat is-servizz liturġiku li l-Patrijiet Franġiskani jwettqu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, l-aktar fl-okkażjoni tal-festi l-aktar solenni tas-sena liturġika.

Fost l-oġġetti esposti f'Versailles, f'wirja li ġiet inawgurata bil-preżenza tal-Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa, wieħed isib kalċijiet, slaleb, lampieri, kandelabri, ventartali, pissidi u paramenti liturġiċi bħal pjaneti u pivjali irrakkmati fid-deheb. Dawn kienu jkunu rigali prezzjużi li l-familji rjali tal-Ewropa kienu joffru lill-Franġiskani fl-Art Imqaddsa biex juru d-devozzjoni speċjali tagħhom lejn il-Qabar ta' Kristu u biex jaffermaw il-protezzjoni li bħala qawwiet Kristjani kienu jiggarantixxu lill-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa, u speċjalment lill-Franġiskani li huma l-Kustodji uffiċjali tas-Santwarji tal-Fidwa.

Ir-rigali prezzjużi, li jmorru lura partikolarment għall-epoka rinaxximentali u barokka, ġew esposti skont l-ordni tar-renji li kienu irregalawhom. Insibu oġġetti prezzjużi ġejjin mill-Imperatur tas-Sagru Imperu Roman, mir-rejiet ta' Spanja, ta' Franza, u tal-Portugall, mir-Repubblika ta' Venezja u r-Repubblika ta' Ġenova, mir-Renju ta' Napli u Sqallija, u mill-Kavallieri ta' San Ġwann.

It-tradizzjoni li torbot dawn ir-renji mal-Kustodja tal-Art Imqaddsa hi antika. Fil-fatt, il-maġġoranza tal-missjunarji



*Kapitell tal-Kattidral Kruċjat ta' Nazaret*



*Mudell tal-Qabar ta' Kristu*

Franġiskani kienu jiġu minn dawn il-pajjiżi, partikolarment minn Spanja, Portugall, Franza, Belġju, Italja, u Ġermanja, li dak iż-żmien kienu entitajiet politiċi differenti minn kif inhuma llum. Ir-rabta baqgħet sħiħa saħansitra fi żminijietna, meta dawn il-pajjiżi hekk imsejħin "Kattoliċi" għadhom igawdu d-dritt li r-rappreżentanti tagħhom, il-Konsli, jkunu preżenti f'postijiet ta' unur waqt iċ-ċelebrazzjonijiet solenni fil-Qabar ta' Kristu, f'Betleħem u fil-Knisja ta' San Salvatur.

Dawn l-oġġetti prezzjużi huma tassew teżor imprezzabbli. Fil-fatt kienu mħarsin f'ambjenti sigrieti fil-Kunvent ta' San Salvatur, li jissejħu appuntu t-Teżor, u li ċ-ċwievet tagħhom huma biss fil-proprjetà tal-Patri Kustodju u ta' xi patrijiet inkarigati minnhom. Uħud minn dawn it-teżori, bħalma huma l-ventartal u l-kandelabri kbar tal-fidda tal-Knisja ta' San Salvatur, jitgawdew dejjem fuq il-presbiterju tal-istess Knisja, l-aktar fiċ-ċelebrazzjonijiet solenni. Diversi kalċijiet u pissidi jintużaw ukoll f'xi festi tas-sena. Imma l-maġġoranza tal-paramenti jinsabu moħbija, għalkemm uħud huma esposti fis-Sala tal-Madreperla tal-Kunvent ta' San Salvatur, fejn il-Kustodju jilqa' diversi gruppi ta' pellegrini fi żjara fl-Art Imqaddsa.

Il-preparazzjoni għal din il-wirja ilha sejra għal xhur sħaħ. L-iskop li għalih il-Kustodja aċċettat li dawn it-teżori jiġu esposti hu, qabel xejn, li jkunu magħrufin dawn l-opri ta' arti, u r-rwol importanti li l-Ewropa kellha fil-ħarsien tal-patrimonju Kristjan tal-Art Imqaddsa. Wirja bħal din tagħmel ġieħ lill-patrimonju Kristjan tal-Ewropa, li sfortunatament qiegħed jiġi miċħud u mwarrab mill-istess nazzjonijiet Ewropej li llum jikkostitwixxu l-Unjoni Ewropea, li donnhom iridu jħassru l-fatt innegabbli li l-istorja tal-Ewropa u l-Kristjaneżimu ma jistgħu qatt jiġu mifrudin minn xulxin. Hi ħaġa tassew interessanti li pajjiż lajk bħal Franza jagħraf l-importanza tar-rwol tal-Kristjaneżimu fl-Ewropa anke fil-kamp tal-kultura.

Skop ieħor tal-wirja hu dak li diversi minn dawn l-oġġetti prezzjużi jiġu

rrestawrati kif imiss mill-awtoritajiet tal-Mużew ta' Versailles qabel ma jingħataw lura lill-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Dan ifisser li dawn l-oġġetti, meta jerġgħu lura, ma jibqgħux iżjed moħbija u msakkrin bogħod mill-ammirazzjoni tal-pubbliku. Il-Kustodja qed timpenja ruħha li tinvesti kwantità ta' flus u riżorsi biex isir Mużew tal-Kustodja fis-sular ta' isfel tal-Kunvent ta' San Salvatur, fejn sa ftit xhur ilu kien hemm il-Bibljoteka Kustodjali, li issa ġiet ittrasferita għal post aktar spazjuż. Dan il-Mużew diġà tħejja bl-għajnuna esperta tal-arkeologu Patri Eugenio Alliata ofm u esperti mill-Italja, u fis-snin li ġejjin il-pellegrini u t-turisti f'Ġerusalemm ikunu jistgħu jgawdu dawn it-teżori esposti b'mod permanenti fil-Mużew ta' San Salvatur. Il-kwantità kbira tagħhom tiggarantixxi li l-esibizzjoni ta' dawn l-oġġetti tvarja minn mument għall-ieħor, hekk li kull min jiġi l-Art Imqaddsa aktar minn darba jkun jista' jgawdi varjetà ta' teżori li jitħarsu f'San Salvatur, fil-Qabar ta' Kristu u fil-Mużew tal-Flaġellazzjoni.

L-aħħar fażi tal-iżvilupp tal-Mużew f'San Salvatur se tinkludi wkoll ir-restawr tal-kantina antika tal-inbid, fejn storikament il-Franġiskani kienu jagħsru l-għeneb biex jipproduċu l-inbid tal-quddiesa u l-inbid għar-refettorju tal-patrijiet, f'ambjent aktar kwiet u sigriet bogħod mill-għajn tal-maġġoranza tal-popolazzjoni Musulmana li ma taċċettax l-inbid fil-kultura reliġjuża tagħha. Fil-kantini ta' taħt San Salvatur għad hemm il-btieti tal-inbid li jmorru lura għas-seklu 17, u din il-kantina hi ċertament l-eqdem u l-unika kantina tal-inbid preżenti fl-Art Imqaddsa.










**PELLEGRINAĠĠI TOTUS TUUS**

"Kollni Tiegħek"

Ejja ħa noħduk għand il-Madonna tal-Paċi ġewwa Medjugorje

**Ċempel:**

Charles & Anna Chase 2144 0002 / 9943 0369

Joe & Berta Camilleri 2137 5175 / 9980 8993

Clyde & Marion Attard 2145 3373 / 9929 1111

